# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 4/2019 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**JS**

**vs**

**MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JS, datat 13 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Ottubru 1995 fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Venera kif jidher fl-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument "A".*

*Illi mill-istess unjoni twieldet tifla wahda, jisimha J, fit-12 ta' April 1997 u li llum ghandha 21 sena u ghandha hajja indipendenti tal-genituri taghha.*

*Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment madwar 18-il sena ilu, meta l-kontendenti sseparaw de facto u ilhom ma jghixux flimkien minn dak iz-zmien 'l hawn.*

*Illi inoltre, il-partijiet isseparaw legalment in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni tas-26 ta' Settmebru 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino (kopja hawn anness u markata Dokument "B").*

*Illi in forza tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet ftehmu li binthom J tircievi manteniment hemm stabbilit fi klawsola (2) tal-istess kuntratt, liema manteniment llum m'ghadux dovut stante li l-istess JS tahdem fuq bazi full-time.*

*Illi llum il-kontendenti ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni taghhom.*

*Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehiega skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti.*

*Illi inoltre, l-esponenti tixtieq li, bis-sahha ta' din l-istess procedura, tirriverti lura ghal kunjomha xebba u cioe' "P".*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*

i. *Tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg taghhom a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli jidrilha xierqa u opportuni.*

ii. *Tawtorizza lill-esponenti tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe' "P", U b'digriet tal-11 ta' Frar, 2019, jizdiedu il-kliem: "U tordna li ssir r-registrazzjoni tad-Divorzju fir-Registru Pubblikku u kwalunkwe annotazzjonijiet u l-inserzjonijiet necessarji fir-Registru Pubbliku"*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**JS** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-28 t'Ottubru 1995 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-26 ta' Settembru 2001 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata hija maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MS** xehed *et seqq* u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

***kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Ottubru, 1995, fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera (Vide Dok. A, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, llum magorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino, datat 26 ta' Settembru, 2001 (Vide Dok.B) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u tawtorizza lil JS sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe P u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**